

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1422**tal-4 ta' Awwissu 2017**

**li jaħtar iċ-ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea responsabbli għall-kontribut xjentifiku u tekniku għall-armonizzazzjoni u għat-titjib tal-metodi ta' kontroll tal-prestazzjoni u tal-
evalwazzjoni ġenetika tal-ispeċijiet ta' annimali bovini ta' razza pura għat-tniissil**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kondizzjonijiet żootejniċi u ġenealoġiċi għat-tniissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tniissil, ħnieżer tat-tniissil ibridi u tal-prodotti ġerminali taqghom u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tniissil tal-annimali ("ir-Regolament dwar it-Tniissil tal-Annimali")⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni dwar iż-Żootejnika tal-15 ta' Novembru 2016, l-esperti tal-Istati Membri stqarrew li hemm hteieġa kontinwa għall-promozzjoni tal-armonizzazzjoni u tat-titjib tal-metodi ta' kontroll tal-prestazzjoni u tal-
evalwazzjoni ġenetika tal-ispeċijiet ta' annimali bovini ta' razza pura għat-tniissil li jintużaw minn soċjetajiet tat-tniissil jew minn partijiet terzi maħtura minn dawk is-soċjetajiet tat-tniissil.
- (2) B'konformità mal-Artikolu 29(3) tar-Regolament (UE) 2016/1012, il-Kummissjoni għamlet sejħa pubblika għall-
għażla u għall-ħatra taċ-ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea responsabbli għall-kontribut xjentifiku u tekniku
għall-armonizzazzjoni u għat-titjib tal-metodi marbuta mal-ispeċijiet ta' annimali bovini ta' razza pura għat-
tniissil.
- (3) Il-bord tal-
evalwazzjoni u tal-għażla maħtur għal dik is-sejħa kkonkluda li l-"Interbull Centre" jikkonforma mar-
rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2016/1012 u jista' jkun responsabbli għall-
kompiti stabbiliti fil-punt 2 ta' dak l-Anness.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-"Interbull Centre" jinħatar bħala iċ-ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea responsabbli
għall-kontribut xjentifiku u tekniku għall-armonizzazzjoni u għat-titjib tal-metodi ta' kontroll tal-prestazzjoni
u tal-
evalwazzjoni ġenetika tal-ispeċijiet ta' annimali bovini ta' razza pura għat-tniissil. Il-ħatra trid tiġi rieżaminata
b'mod regolari skont l-Artikolu 29(3) tar-Regolament (UE) 2016/1012.
- (5) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun applikabbli mill-1 ta' Novembru 2018 b'konformità mad-data tal-applikazzjoni
prevista fl-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) 2016/1012.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Żootejniku Permanenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Iċ-ċentru li ġej għandu jinħatar bħala iċ-ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea responsabbli għall-kontribut xjentifiku u tekniku għall-armonizzazzjoni u għat-titjib tal-metodi ta' kontroll tal-prestazzjoni u tal-
evalwazzjoni ġenetika tal-
ispeċijiet ta' annimali bovini ta' razza pura għat-tniissil:

Interbull Centre
Department of Animal Breeding and Genetics
Swedish University of Agricultural Science — SLU
Ulls väg 26
Box 7023
SE-750 07 Uppsala
Sweden.

⁽¹⁾ ĠUL 171, 29.6.2016, p. 66.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Novembru 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
